## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017.

Appell Nru: 94/2014

**Marlene Mizzi**

**Vs**

**Dr. Agostino Pio Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta' tahrika privata fuq kwerela ta' Marlene Mizzi kontra Dr. Agostino Pio Gatt talli (1) permezz ta' intervista li giet [recte: kienet] ppubblikata u stampata fil-harga ta' The Times tal-1 ta' Lulju, 2005 u intitolata "**No Prospects for a National Shipping**" f'pagna 4 ta' dik il-gazzetta, attribwixxa lill-Marlene Mizzi fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew jesponuha ghar-redikolu jew id-disprezz tal-pubbliku bi ksur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta; u (2) talli fl-intervista fuq imsemmija u kif stampata, tellef jew naqqas il-gieh tal-kwerelanta u dana bi ksur tal-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fil-5 ta' Marzu, 2014, li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (€1,000);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr. Agostino Pio Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu, 2014 u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat id-digriet taghha li bihom iddiferiet l-appell ghas-sentenza peress li kien jehtigilha aktar żmien.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant iressaq diversi lanjanzi dwar is-sentenza in mertu u jibda biex jimpunja l-validita' taghha fuq il-premessa li hija wahda nulla ghal zewg ragunijiet. L-ewwel gravami tal-appellant jindirizza n-nullita' tas-sentenza ghaliex ghall-dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni din ma tindikax taht liema artikolu tal-Kapitolu 248 huwa instab hati. Ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni, l-appellant jargumenta illi l-fatti lilu imputati ma jurux id-data tal-allegat reat u anqas il-lok fejn sar dan l-allegat reat – zewg elementi dawn essenzjali sabiex hu seta' jaghmel id-difiza tieghu;

2. In rigward tal-ewwel aggravju, il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra hekk:

*Fic-cirkostanzi,*

*Il-Qorti issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u timmultah multa ta' elf Euro (€1,000).*

Fil-parti introduttorja tal-istess sentenza, izda, l-ewwel Qorti ddikjarat li *"Rat l-artikoli tal-Ligi, partikolarment l-Artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 kif ukoll il-Kap 248.* Issa *gratia argomenti* li dik kellha tkun meqjusa bhala li tissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, xorta wahda tista' tqum kwistjoni ta' nullita kif lanjat mill-appellant. Ghad illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta qorti taghti s-sentenza kontra l-imputat, *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"*;

3. L-appellant ghandu ragun f'dan l-ewwel gravami tieghu ghaliex kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, fi kwistjonijiet konsimili mhux bizzejjed li jissemma il-Kapitolu tal-ligi li dwaru qed tinstab htija izda jehtieg, fuq piena ta' nullita', li jkun indikat l-artikolu tal-ligi li jipotizza r-reat nniffsu. Kien ritenut ukoll, ghall-kompletezza tal-kwistjoni in tema, illi mhux necessarju li jkun indikat l-artikolu li jikkontempla l-piena jew l-aggravju fil-piena jew dak li permezz tieghu ssir skwalifika (Il-Pulizija vs Trevor Farrugia App Krim 29.1.19960 jew dwar xi aggravju tar-reat principali (Il-Pulizija vs Michael Zarb App Krim 8.5.2014).

4. Illi l-indikazzjoni biss tal-Kapitolu tal-ligi minghajr ma jissemma l-artikolu jew artikoli dejjem kien ekwiparat ma nuqqas ta' formalita' sostanzjali li ggib maghha bhala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata. Inoltre, tosserva din il-Qorti illi minkejja illi l-proceduri kellhom jitmexxew mill-parti offiza kif jitlob il-Kapitolu 248 u l-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali, dawn fil-fatt tmexxew mill-Pulizija fl-intier kollu taghhom u l-parti offiza deheret biss bhala kwerelanta meta l-prosekuzzjoni kien imiss lilha biss. Minkejja dan, is-sentenza inghatat fl-ismijiet Marlene Mizzi vs Dr. Agostino Pio Gatt meta fir-

realta' qatt ma kien hemm tali proceduri. In rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Lulju, 2006 fl-ismijiet Il-Pulizja vs Anton F. Attard fejn dan il-punt kien trattat in funditus anke jekk b'mod *obiter*. Kwistjoni din li jista' jkollha riperkussjonijiet dwar min ghandu jew m'ghandux dritt t'appell u li ghalhekk qed ikun hawn sollevat sbiex ikunu evitati possibbli ekwivoci fil-futur;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant, tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet Marlene Mizzi vs Dr. Agostino Pio Gatt moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Marzu 2014. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il-kaz ikun deciz mill-gdid skond il-ligi.